

# Attività mhux tas-soltu fil-Mitjar Internazzjonali ta' Malta

Kull min kellu xi safra bejn April u Mejju partikolarment kull Qormi li kien fis-sala tat-tluq tal-Mitjar Internazzjonali ta' Malta, żgur li nnota restawr fuq pittura partikolari - dik ta' San Sebastjan; xogħol mill-aqwa tal-magħruf Mattia Preti.

Din il-pittura artistika li tinsab fil-knisja ta' Sarria fil-Furjana, inħarġet u ttieħdet fis-sala tat-tluq tal-Mitjar Internazzjonali ta' Malta, fejn ir-restawr li kien qiegħed isir fuqha seta' jarah kulħadd.

"... din il-pittura hija waħda mis-seba' kwadri li Preti kien għamel għall-knisja ta' Sarria fil-Furjana"

Ir-restawratur Taljan ta' fama internazzjonali Giuseppe Mantella kien responsabbli minn dan ix-xogħol li jitlob tant dedikazzjoni u preċiżjoni. Dan ir-restawr sar bil-kollaborazzjoni tal-MIA u *Din l-Art Ħelwa* fis-sena li qed tfakkar il-400 sena anniversarju minn meta l-artist Mattia Preti kien twieled.

Kemm ir-rikkezza tal-pittura kif ukoll ix-xogħol li kien qiegħed isir fuqha kien apprezzat kemm mill-pubbliku Malti kif ukoll mit-turisti. Tajjeb li ngħidu li din il-pittura hija waħda mis-seba' kwadri li Preti kien għamel għall-knisja ta' Sarria fil-Furjana li Dott Mantella sejħilha l-*pantheon* ta' Mattia Preti, għax hi l-unika knisja f'Malta li tagħha Preti kien ukoll l-arkitett. Dan ir-restawr żgur li se jkompli jikkonserva r-rikkezzi artistiċi li hemm f'din il-knisja u jnissel aktar għarfien fost il-Maltin dwar ir-rikkezza tal-kultura ta' gżiritna.

Prosit lil dawk kollha responsabbli għal din l-inizjattiva b'risq it-teżori artistiċi Maltin.

Dan ir-ritratt, ġie misluf lilna minn Carmelo Falzon.

**Sors:**
Il-Ġens
maltarightnow.com